KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

BORMLA

*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13/2023

22 ta' Novembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Melanie Agius - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

### 13.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

13.1.1 Ma kienx hemm

### 13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

13.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

13.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Rita Gatt issekondata mis-Sur James Cauchi  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

13.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

13.3.4 Il-minuti ta' seduta numru 12/2023 (it-tieni parti)kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

13.3.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sur Johann Scerri  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

13.3.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**13.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

13.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi nhar is-27 ta' Ottubru kellu laqgha mad-Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xogholijiet rigward bankijiet addizzjonali f'Bacir Numru 1.

13.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi hekk kif ippjanat nhar id-19 ta' Novembru kien inzamm Jum Bormla. Is-Sur Agius irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod kienu ta' kontribut fil-kordinament u Implimentazzjoni.

13.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi nhar l-14 ta' Novembru gie ffirmat memorandum of understanding b'konnessjoni ma' hiliet digitali flimkien ma' e-skills foundation.

13.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-23 ta' Ottubru 2023 kien infetah ufficjalment Day Centre ghall-anzjani fi Triq Wigi Rosato

12.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi delegazzjoni mill-Kunsill Lokali kienet giet mistiedna u attendiet ghall-ftuh ufficjali tal-konsolat Malti fil-Kosovo matul Novembru 2023

12.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kellu laqgha mal-Onor. Aaron Farrugia li matulha gew diskussi xogholijiet ta’ toroq fil-lokalita’. Huwa zied jghid illi kien ghamel pressjoni u gie mwieghed illi kien ser jibda’ f’qasir zmien ix-xoghol ta’ rikostruzzjoni ta’ Triq Wigi Rosato.

**13.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

13.4.1 Il-Kunsilliera Martin Vella staqsa : ‘Jista’ l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar proposta li kienet tressqet sabiex servizz ta’ trasport minghajr hlas ikun estiz barra mil-lokalita’ ta’ Bormla?’
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ‘Qieghdin niddiskutu mal-kumpanija li tassenja haddiema biex jahdmu fil-lokalita’ dwar il-materja. Ser inkunu qieghdin inzommukom aggornati hekk kif ikollna risposta.’

13.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : ‘Jista’ l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar talba ghal belisha lights li kienet saret lill-awtoritajiet?’
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ‘Wara sensiela ta’ korrispondenza, il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-istess dawl ghandu jsir mill-Kunsill Lokali. Ser inkunu qieghdin naraw illi l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali jaghmel ix-xoghol’.

13.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : ‘ Hemm xi aggornmenti rigward hadid fi grawnds Peppi Delceppo?’
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ‘Wara li inghabru stimi ulterjuri tqabbad kuntrattur sabiex jaghmel ix-xogholijiet li ghandhom jiltestew sa tmiem is-sena’.

13.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: ‘Jista’ l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar access ghall-pagna ta’ facebook tal-Kunsill Lokali?’
Is-Sindku wiegeb : ‘L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali aggornat il-pagna tal-Kunsill Lokali. Tnehha l-access ghall-politici kollha u ghall-imsemmija pagna ghandu biss access parti mill-istess amministrazzjoni’.

13.4.5 Il-Kunsillier Johann Scerri aggorna lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru bil-ghan illi kemm il-darba t-temp jippermetti nhar it-12 u 13 ta’ Dicembru 2023 tittella edizzjoni ohra tal-attivita’ relatata mal-Milied ‘A legend in the city’ fiz-zona tal-ghassa.

13.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: ‘Jista’ l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar is-sitwazzjoni ta’ stop signs fi Triq San Frangisk?’
Is-Sindkuwiegeb : ‘ Ghandi nkellem lill-ministru responsabbli li matulha ser inkun qieghed niddiskuti l-materja’.

13.4.7 Is-Sur Johann Scerri ghadda xi kummenti rigward is-sitwazzjoni ta' reserved parkings fil-lokalita'.

F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 18:15)

**13.5.1 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

12.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru010/23) ghall-approvazzjoni.

13.5.2 Fuq proposta tas-Sa.Rita Gatt ssekondata mis-Sur Johann Scerriu, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

13.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Ottubru 2023.

13.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**13.6 Mozzjonijiet**

13.6.1 Mozzjoni numru 06/2023 (VIII)
Mozzjoni sabiex fi Triq John Pace preferibbilment kantuniera ma Triq ir-Regatta issir 'communal disabled parking'
Proponent : Martin Vella
Sekondant : James Vella
Il-mozzjoni ghaddiet b'hames voti favur u astensjoni wahda. Il-hin li fih tressqet il-mozzjoni kien hekk kif il-Kunsillier Vella rega' lura ghas-seduta.

**13.7 Rapporti**

13.7.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil mal-proposta tal-Kunsilliera Melanie Agius sabiex jittella festin ghal persuni bi bzonnijiet specjali fi zmien il-Milied
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'komunikat minn Transport Malta li permezz tieghu gie dikjarat illi belisha lights li kien hemm fi Triq Dom Mintoff kienet taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jassigura lill-membri u dipendenti wiehed/wahda taht l-iskema basic ghall-polza ta' assikurazzjoni tas-sahha 2024.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri l-ktieb Tifkiriet tal-awtur Gordon Caruana biex jitpogga fil-librerija pubblika.

- Kien hemm qbil illi suggeriment biex titpogga bike rack biswit il-ferry landing kien validu u kellha ssir talba lill-awtoritajiet rispettivi.
- Fuq proposta tal-Kunsilliera Gatt kien hemm qbil illi kellu jinzamm festin ghall-anzjani gewwa s-sala tal-AUM
- Il-Kunsill Lokali gie aggornat bi zviluppi rigward ftehim ta' hbiberija mal-lokalita' ta' Birkirkara.
- Permezz ta' korrispondenza elettronika l-Onor. Aaron Farrugia informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ser jitwahhlu bollards biswit il-klabb tar-Regatta ta' Bormla.
- Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil illi kellhom jitwahhlu zewg traffic calmers fi Triq Santa Margerita.
- Kien hemm qbil illi ritratti li ttiehdu mill-fotografu Paul Ellul kellhom jigu stampati u mwahhla fis-sala tal-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi korrispondenza li l-Kunsill Lokali ircieva min ghalliema rigward parkegg fi Triq Alessandra u kontravvenzjonijiet li kienu inqalghu ma setghetx tinghata ragun ghaliex il-parkegg kien sar b'mod hazin.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill lokali kelli jikkollabora fl-attivita' Festa Tfal bill jikri balloon castle

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 18:55)

- Kien hemm qbil illi kellha tittella attivita' b'kollaborazzjoni mal-kazin tal-banda san Gorg bis-sehem tal-Kunsill Lokali ma jeccedix l-€1000

**13.8 Sejhiet ghall-Offerti**

13.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien inhargu sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet ghal contracts manager, dawl tal-Milied, Rigenerazzjoni ta' playing field fi Triq San Gwann u kien fil-process finali dokument ghal rigenerazzjoni ta' bandli fi Pjazza Santa Margerita. Is-Sur Agius sahaq illi b'konnessjoni ma dan kien hemm il-htiega li jinhatar bord ta' evalwaturi. Kien hemm qbil illi l-evalwaturi kellhom ikunu s-Sinjura Romina Perici Ferrante, Christopher Falzon u Arthur Perici bis-Sindku u s-segretarju ezkeuttiv ikopru r-rwoli ta' chairperson u segretarju tal-bord.

**13.9 Performance Bonuses tal-impjegati**

13.9.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tal-performance bonus appraisals tal-impjgeati klerikali. Huwa sahaq illi l-istess rapport kien gie diskuss mas-Segretarju Ezekuttiv. Fuq proposta tal-Kunsillier Johann Scerri ssekondat mill-Kunsillier James Cauchi kien hemm qbil illi l-Assistent Ufficjal Principali kellha tinghata performance bonus ta' 6%. Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Johann Scerri kien hemm qbil illi wahda mill-Ufficjali ezekuttivi kellha tinghata performance bonus ta' 6%. Fuq proposta tas-Sa. Rita Gatt sekondata mis-Sur Martin Vella kien hemm qbil illi Ufficjal Ezekuttiv kellha tinghata performance appraisal ta' 6%.

**13.10 Milied 2023**

13.10.1 Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Johann Scerri sabiex jaggorna lill-Kunsill Lokali b'dak li kien qieghed jigi ppjanat ghall-attivita' A legend in the city. Is-Sur Scerri ghadda lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar il-materja u sahaq illi kien jinhiteg illi jigi allokat fond addizzjonali ma dak diskuss f'seduti precedenti. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jalloka s-somma ta' €7000 sabiex tittella' l-attivita' in-kwistjoni.

**13.11 Aggornament**

13.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:10 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-21 ta' Dicembru 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Dicembru, 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |